MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 511/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Jacqueline Cassar (ID308571M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm740.75), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2166 4987 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok.A u Dok.B;**
**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm740.75) bl-imghax legali mis-27 ta' April, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------